

32000D0208

L 64/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.3.2000

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Frar 2000

li tistabbilixxi regolamenti ddettaljati sabiex tiġi applikata d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/EC li tirrigwarda t-transitu tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn pajjiż terz għall-ieħor bit-triq biss fil-Komunità Ewropea

(innotifikata fid-dokument numru Ċ(2000) 468)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/208/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterenarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4),

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li jiġu adottati bħala prijorità, sabiex jiġi evitat kull dewmien bla meħtieġ għall-kummerċ, ir-regoli sabiex joħorġu prodotti ta' oriġini mill-annimali li jkunu fit-transitu mill-Komunità Ewropea bit-triq minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw biss rigward l-Artikolu 11(2)(e) tad-Direttiva 97/78/KE għall-proċeduri tat-transitu fil-Komunità bit-triq.

(3) Huwa importanti illi l-uffiċjal veterinarju responsabbli mill-ispezzjonji fuq post fuq fruntiera li jirċievi oġġetti fit-transitu għall-ħruġ mill-Komunità jiġi mgħarraf bil-kunsinni li jaslu fil-ħinijiet kollha imma speċjalment b'dawk li jaslu barra mill-ħinijiet tax-xogħol tal-post ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera.

(4) Huwa importanti li jiġu speċifikati l-kontrolli li jridu jitwettqu fuq il-post ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera dwar il-ħruġ sabiex tiġi vverifikata minn fejn tkun ġejja l-kunsinna.

(5) Huwa importanti wkoll li tiġi tispeċifika l-kategorija ta' l-approvazzjoni tal-post ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera dwar il-ħruġ biex jiġi żgurat illi l-personal li jkun jaħdem hemmhekk ikun familjari mal-prodotti li jiġu ppreżentati biex ikunu eżaminati.

(6) Huwa meħtieġ illi jkun hemm avvċinament armonizzat għall-eżami tal-kunsinni hekk ippreżentati u għall-annotazzjoni tad-dokumenti li jkunu qeġhdin jintbagħtu lura lill-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera rigward id-dħul.

(7) Ġiet imlestija u mdaħħla deroga li tirrigwarda l-personal li jagħmel il-kontrolli fil-postijiet fuq il-fruntiera approvati biss għall-kontrolli fuq il-prodotti mill-ħut.

(8) Din id-Deċiżjoni trid tapplika b'mod separat mill-arranġamenti operattivi midħula għalihom mill-Komunità ma' pajjiżi terzi partikolari skond ftehimijiet internazzjonali aċċettati.

(9) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Meta jiġi applikat l-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KEC u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2)(e) tagħha għandhom japplikaw ir-regolamenti li ġejjin fil-każ tat-transitu tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jaqsmu l-Komunità Ewropea bit-triq minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor.

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 3.

*Artikolu 2*

Il-post ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera msemmi fl-Artikolu 11(2)(e) ta' Direttiva 97/78/KE jrid ikun:

- għall-prodotti mill-ħut, il-postijiet kollha ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera li jidhru fil-lista stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/778/KE <sup>(1)</sup> (kif emendata),
- għall-prodotti l-oħra li joriġinaw mill-annimali mhux riferiti fl-ewwel inċiż, il-postijiet kollha ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera msemmija fl-ewwel inċiż bl-eċċezzjoni ta' dawk li jkunu approvati biss għall-ispezzjon tal-prodotti mis-sajd.

*Artikolu 3*

L-uffiċjal veterinarju, jew fil-każ tal-prodotti mill-ħut jew il-veterinarju uffiċjali jew l-aġent iddeżinjat maħtur mill-awtorità kompetenti, għandhom ikunu responsabbli li jaraw illi jiġu mwettqa l-kontrolli meħtieġa fuq il-post ta' l-ispezzjon fuq il-fruntiera rigward il-ħruġ fuq il-kunsinni li joħorġu mill-Komunità taħt din id-dispożizzjoni. Il-kontrolli jridu jikkonfermaw illi l-kunsinna rċevuta tikkonforma ma' dik mibgħuta mill-post ta' l-ispezzjoni tal-fruntiera rigward id-dħul, u li taqbel mat-tagħrif mogħti lilha fiċ-ċertifikat li jakkumpanja l-kunsinna skond il-mudell muri fl-Annex B tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/13/KEE <sup>(2)</sup>.

*Artikolu 4*

Mat-tkomplija tal-kontrolli, iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 97/78/KE li jakkumpanja l-kunsinna irid jiġi annotat bil-kliem, "formalitajiet tal-ħruġ mill-KE, u kontrolli

magħmula fuq oġġetti fit-transitu, ikkonfermati skond l-Artikolu 11(2)(e) tad-Direttiva 97/78/KE", ittimbrat bit-timbru tal-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera, mogħti d-data, u mbagħad iffirmit mill-uffiċjal veterinarju jew, fil-każ ta' prodotti mill-ħut, mill-uffiċjal veterinarju jew mill-aġent iddeżinjat maħtur mill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kull arranġament midhul għalih mill-Komunità taħt kull ftehim aċċettat internazzjonalment ma' pajjiżi terzi.

*Artikolu 6*

Id-Deċiżjoni preżenti għandha tibda tapplika mill-1 ta' April 2000.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membre tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 315, tad-19.11.1997, p. 15.

<sup>(2)</sup> ĠU L 9, tal-15.1.1993, p. 33.